

Anness III

Emendi għas-sezzjonijiet rilevanti tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott u l-fuljetti ta' tagħrif

A. Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

[Il-indikazzjonijiet approvati attwalment hawn taħt għandhom jitħassru (il-formolazzjoni tal-kliem speċifika tal-indikazzjoni tista' tvarja minn prodott għal prodott)]

- Kura għas-sintomi ta' indeboliment konoxxittiv u newrosensorjali pataloġiku kroniku fl-anzjani (għajr il-marda tal-Alzheimer u dimenzja oħra)
- Kura anċillari tal-klawdikazzjoni intermittenti f'marda okklussiva arterjali periferali sintomatika (PAOD Fażi II)
- Kura anċillari tas-sindrome ta' Raynaud
- Kura anċillari tat-tnaqqis tal-akutezza viżiva u disturbi fil-kamp viżiv presumibbilment ta' oriġini vaskulari
- Profilassi tal-uġiġħ ta' ras minn emigranja
- Kura għas-sintomi ta' insuffiċjenza veno-limfatika

Ir-referenzi kollha għall-indikazzjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom jitneħħew mis-sezzjonijiet rilevanti li jibqa' tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott.

B. Fuljett ta' tagħrif

Ir-referenzi kollha għall-indikazzjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom jitneħħew mis-sezzjonijiet rilevanti tal-fuljetti ta' tagħrif.